MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 502/2008

**Mary Zammit (ID 0220766M), Charles Said (ID 147365M),**
**Gemma Vassallo (ID 493069M), Doris mart Benny Vella,**
**Francis Galea (ID 751359M), Charles Galea (ID91561M),**
**Nazzareno Galea (ID 333050M), Joseph Galea (ID 18338M)**
**f'ismu proprju u li qed jidher ghan-nom ta' Paul Galea u**
**Orazio sive Gary Galea kif debitament awtorizzat peress li**
**dan huma imsefrin, Carmena Micallef (ID 717830M), Helen Muscat (ID 49434M), Vincenza Micallef (ID 720835M), Paul**
**Cutajar, Horace Cutajar, George Tonna (ID 545242M), Thomas Tonna (ID 831236M), Joseph Tonna, Doris Tonna, Alfred Tonna, Neville Tonna, Claire Zammit, Rita D'Anastas (ID 35468M), Stephanie Vassallo (ID**

**364469M), Carmel sive Charles Mifsud (ID 600045M), Peter Mifsud (ID 803146M), Mary Galea (ID70751M), Anna Mifsud (ID 94860M), Mary Scicluna (ID 126923M), Pauline Inguanez, Maria Tereza Inguanez (ID 724055M), Carmel Vassallo (ID 0001177A)**
**vs.**
**Charles Vella (ID 405253M ghan-nom tas-socjeta' Choppers &Sons Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi fil-15 ta' Mejju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi permezz ta' konvenju datat 15 ta' Settembru 2005, l-intimata socjeta' obbligat ruhha li tixtri u takkwista mir-rikorrenti li accettaw u ntrabtu li jibieghu lis-socjeta' intimata in solidum bejniethom, porzjon ta' art biz-zewg irziezet mibnija fuqha fil-kontrada maghrufa, "Ta' Wied Rini" fil-limiti tar-Rabat, Malta kif deskritta ahjar fl-istess konvenju meta l-art u l-irziezet jinsabu immarkati bil-kulur blu u bl-ahmar fuq zewg pjanti annessi ma l-istess konvenju u immarkati bl-ittra A u B liema proprjeta' ghandha kejl ta' circa 55 tomna. U dan versu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju versu l-prezz ta' LM350,000 u allura €815,280.69c, liema konvenju skond il-kundizzjoni 10 kellu jibqa validu sal-15 ta' Settembru 2007 u li wara gie mgedded sal-15 ta' April 2008, is-socjeta' intimata qabel l-istess skadenza gew interpellati b'ittra ufficjali biex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, liema pubblikazzjoni sal-prezentazzjoni ta' dan ir-rikors propju llum 15 ta' Mejju 2008 naqsu li jidhru ghall-publikazzjoni tal-kuntratt finali;

2. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

3. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu li l-konvenut nomine jghid ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u indikati u previa occorrendo dikjarazzjoni li l-intimata naqset milli taddivjeni ghall-kuntratt definittiv kif fuq spejgat, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss taddivjeni ghall-kuntratt relattiv ghat-trasferiment minn fuq ir-rikorrenti favur is-socjeta' intimata ta' l-immobbli mertu ta' l-imsemmi konvenju tal-15 ta' Settembru 2005 u dan versu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju kif modifikati u mfissra anke fl-ittra ufficcjali ta' April, 2008;

2. Tinnomina Nutar sabiex jippublika l-kuntratt relattiv fil-lok, jum u hin li jigu wkoll stabbiliti u kuraturi nominate biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Salv kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' intimata u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' April 2008 kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Charles Vella ghan-nom ta' Choppers & Sons Company Limited, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Preliminarjament il-kawza odjerna hija dezerta stante li ghaddew izjed minn sitt xhur minn meta gie pprezentat ir-rikors guramentat u l-procedura bil-miktub ma nghalqitx fi zmijen utli u dan ai termini tal-artikoli 963 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Illi fil-meritu l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li mir-ricerki fuq il-passivita' u t-titolu tal-propjeta in vendita jirrizulta li t-titolu tal-propjeta in vendita huwa difettuz stante li l-atturi m'ghandhomx is-sehem shih tal-propjeta' in vendita u ghalhekk l-esponenti hija intitolata ai termini tal-konvenju li tinhall mill-istess konvenju. Qed tigi prezentata kontestwalment kontro-talba;

3. Salve risposti ulterjuri u bir-rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni u dritt bil-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Charles Vella ghan-nom ta' Choppers & Sons Company Limited;

Rat il-kontro-talba imsressqa mis-socjeta' konvenuta Choppers & Sons Company Limited ipprezentata kontestwalment mar-risposta guramentata taghha li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi fuq konvenju datat 15 ta' Settembru 2005 bejn il-kontendenti rigward porzjon ta' art biz-zewg irziezet mibnija fuqha fil-kontrada maghrufa 'Ta Wied Rini' fil-limiti tar-Rabat, Matla liema art u rziezet jinsabu mmarkati bil-kulur blu u bl-ahmar fuq iz-zewg pjanti annessi ma l-istess konvenju u mmarkati bl-ittra 'A' u 'B' u cioe' l-isfel mill-asfalt tat-triq pubblika, liema proprjeta' ghandha kejl superficjali totali ta' circa hamsa u hamsin tomna (55T) kif indikati fil-pjanti msemmija, is-socjeta' esponenti hallset depozitu akkont tal-prezz ta' €81,528.07 ekwivalenti ghal LM35,000 liema somma giet depozitata ghand in-Nutar Andre Farrugia;
2. Illi is-socjeta' esponenti ghamlet miljoramenti ta' €34,940.60 ekwivalenti ghal LM15,000 fil-propjeta' in vendita u stante li l-kuntratt ma jistax jigi konkluz tort unikament tal-atturi hija ghandha dritt tiehu lura dawn il-miljoramenti;
3. Illi peress li l-kuntratt finali ma jistax jigi konkluz tort unikament tal-atturi stante li mir-ricerki fuq il-passivita u t-titolu tal-propjeta in vendita jirrizulta li t-titolu tal-propjeta in vendita huwa difettuz stante li l-atturi m'ghandhomx is-sehem shih tal-propjeta in vendita u ghalhekk l-esponenti hija intitolata ai termini tal-konvenju li tinhall mill-istess konvenju li tinhall mill-istess konvenju u jintradd lura lilha kull ammont li hija hallset lill-atturi;
4. Illi ukoll peress li l-kuntratt ma jistax jigi konkluz tort unikament tal-atturi s-somom li s-socjeta' attrici harget lilhom jammontaw ghal arrikament ingust ghad-dannu taghha da parti tal-atturi u ghalhekk dawn is-somom iridu jithallsu lura mill-atturi lis-socjeta' attrici li jridu

jikkumpensaw ghal kull tnaqqis patrimonjali li s-socjeta' esponenti sofriet;
5. Illi peress ukoll li l-kuntratt finali ma jistax isir tort unikament tal-atturi s-socjeta' konvenuta sofriet danni ingenti;
6. Illi l-atturi ghalkemm interpellati ufficjalment biex ihallsu dan id-debitu baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk lill-atturi ighidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-atturi huma debituri tas-socjeta' esponenti fl-ammont li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza rapprezentanti r-rifuzjoni ta' depozitu u r-rifuzjoni ta' miljoramenti;
2. Tiddikjara li l-atturi gew arrikiti ingustament ghad-dannu tas-socjeta' esponenti u l-atturi jridu jhallsu lura lis-socjeta' esponenti s-somom li hija harget u li l-atturi jridu jikkumpensaw ghal kull tnaqqis patrimonjali li s-socjeta' esponenti sofriet;
3. Tiddikjara li l-atturi huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' esponenti minhabba li l-kuntratt finali ma jistax jigi konkluz tort unikament tal-atturi;
4. Tillikwida l-ammont dovut mill-atturi lis-socjeta' esponenti f'dawk is-somom li ser jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza:
(a) rapprezentanti d-depozitu akkont tal-prezz kif ukoll;
(b) rapprezentanti l-miljoramenti maghmula mis-socjeta' esponenti fuq l-art in vendita kif ukoll;
(c) rapprezentanti l-arrikament ingust li gawdew l-atturi ghad-dannu tas-socjeta' esponenti kif ukoll;
(d) rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta' esponenti rizultat li l-kuntratt ma jistax jigi konkluz tort unikament tal-atturi jew somom verjuri;
5. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lis-socjeta' esponenti s-somom likwidati fil-hames talba bl-imghax dovut;

Bl-ispejjez kontra l-atturi inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' April, 2008 li huma minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Charles Vella ghan-nom tas-socjeta' Coppers and Sons Company Limited rikonvenzjonat li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi ma hemm l-ebda arrikkiment ingust ghad-dannu tas-socjeta' Choppers and Sons Company Limited, stante li d-depozitu fuq il-konvenju fl-ammont ta' wiehed u tmenin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u seba' centezmi (€81,528.07) huwa akkont tal-prezz miftiehem li wara l-pubblikazzjoni ta' l-att finali suggett ta' din il-kawza Cit 502/08AL, il-bilanc tal-prezz kollu jithallas wara l-pubblikazzjoni ta' l-att finali u li ghalhekk ir-rifuzjoni ta' dan id-depozitu ghandu jigi michud;
3. Illi kuntrarjament ghal dak mitlub fil-premessi m'hu minnu xejn li s-socjeta' Choppers and Sons Limited sofriet xi danni, imma d-danni qed isofruhom l-atturi rikonvenuti stante d-dewmien fil-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt u att finali u dan stante li m'hu veru xejn li hemm ftehim differenti minn dak indikat fil-premessi fil-kontro-talba rikonvenzjonali meta jirrizulta b'mod car fil-konvenju bejn il-partijiet u in partikolari fl-artikolu 2 u 3 illi "*Il-vendituri jiddikkjaraw illi huma ma jafux l-ishma li ghandhom fil-proprjeta' hawn fuq deskritta bl-ezatt, b'hekk fuq l-att finali l-prezz imsemmi ghandu jinqasam bejniethom skond l-ishma li ghandhom jigu stability aktar il-quddiem tul il-mori ta' dan il-konvenju, u kull wiehed u wahda minnhom ikunu responsabbli jhallas it-taxxa fuq qliegh kapitali skond is-sehem li ghandu", u "Liema propjeta' ghandha tinbiegh bhala entita' hekk kif indikata fil-fuq imsemmija pjanta u mhux ad misuram, pero' f'kaz illi jirrizulta li l-art fuq imsemmija ma tappartjeniex, fil-intier taghha lill-vendituri l-fuq imsemmi prezz ghandu jonqos pro rata cioe' skond ir-rata ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) ghal kull tomna mill-art li ma tkunx propjeta' tal-vendituri",* li ghalhekk anke l-premessa dwar il-passivita u

t-titolu tal-propjeta' in vendita li skond is-socjeta' huma difettuzi, fic-cirkostanzi wkoll ma jaghmlux sens;
4. Illi dwar it-talbiet u l-likwidazzjoni tal-miljoramenti maghmula fuq l-art in vendita, dan ukoll ghandhom jigu michuda stante li fl-artikolu 12 ta' l-istess konvenju li s-socjeta' konvenuta iffirmat ghalih, dawn ix-xogholijiet li wettqet is-socjeta' ma ghandhiex dritt ghal kumpens taghhom kif miftiehem fl-artikolu 12 tal-konvenju, "*Il-vendituri qeghdin jaghtu l-kunsens taghhom lill-kompratur li jaghmel xogholijiet fl-imsemmija propjeta pero' f'kaz illi huwa jew is-sostituti tieghu ma jixtrux l-imsemmija proprjeta' huwa ghandu jaghmel tajjeb ghal kull hsara li jkun ikkawza u f'kaz illi jsiru miljoramenti huwa ma kollhux dritt ghall-kumpens";*
5. Illi ma hemm l-ebda arrikkiment ingust li gawdew l-esponenti atturi imma huwa l-kontra, illi hemm dannu fil-konfront ta' l-esponenti stante d-dewmien tal-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku kif se jigi aktar spjegat waqt it-trattazzjoni u l-provi ta' dan il-kaz;
6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa qed tigi ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur rikonvenut Joseph Galea;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Charles Vella ghan-nom tas-socjeta' Choppers & Sons Company Limited;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi preliminarjament il-kawza odjerna hija dezerta stante li ghaddew izjed minn sitt xhur minn meta gie pprezentat ir-rikors guramentat u l-procedura bil-miktub ma nghalqitx fi zmijen utli, u dan ai termini tal-artikoli 963 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti semghet lill-avukat difensur tal-konvenut jikkwota sentenza f'dan ir-rigward fl-

ismijiet Schembri vs Dr Anthony Galea Debono deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Gunju, 2003 u jissottometti illi din is-sentenza tghid illi l-waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-Artikolu 9631 tal-Kap. 12 huwa dak ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza ghandha tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg avviz ta' dik id-data. Huwa argumenta illi mid-data meta inhareg l-avviz tas-smigh tal-kawza odjerna sakemm gie notifikat il-konvenut ghaddiet ftit anqas minn sena u b'hekk inqabez it-terminu ta' sitt xhur u ghalhekk ghandha tapplika id-dezerzjoni.

Illi l-kontro-parti irreplikat illi l-atturi ipprezentaw il-kawza odjerna fil-15 ta' Mejju 2008 u meta harget in-notifika il-konvenut ma nstabx fil-post fejn joqghod u dana peress illi ad insaputa ta' l-atturi, ghal darba, darbtejn, wara li gie stabbilit li ma fetah hadd fuq il-post, kien jidher illi l-post kien mitluq. Finalment l-atturi skoprew illi l-konvenut mar jghix x'imkien iehor u gie notifikat San Pawl il-Bahar. L-atturi issottomettew illi qabel ma giet ipprezentata l-kawza odjerna kien gie ipprezentat protest fir-Registru tal-Qorti u il-konvenut kien gie notifikat b'dan il-protest Santa Lucija u dan f'April, 2008. Ftit wara meta giet intavolata l-kawza odjerna il-konvenut ma baqax jghix Santa Lucija, izda mar joqghod San Pawl il-Bahar u dan ad insaputa tal-atturi.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid hekk :

"(1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u ta' l-artikoli 416 u 420, il-procedura bil-miktub, f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena.
(2) Fil-qorti ta' l-ewwel grad, iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors ta' l-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata.
(3) Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-

miktub f'kawza m'humiex maghluqa, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minhabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi procedura jew formalità.
(3A) Id-dezerzjoni ta' kawza ghandha tigi dikjarata b'digriet moghti fil-qorti bil-miftuh jekk, wara li jkunu nghataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub jibqghu ma jinghalqux.
(4) B'dak kollu li hu migjub fis-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub ghandhom jitqiesu maghluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx giet innotifikata b'att mehtieg ghall-eghluq tal-process, tidher waqt is-smigh tal-kawza u ma taghtix l-eccezzjoni li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa u tghaddi jew xjentement thalli lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taghti dik l-eccezzjoni.
(5) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 732(2), kawza, li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa, minkejja l-ordnijiet moghtija mill-Qorti skond is-subartikolu (3), fiz-zmien hawn fuq imsemmi:
(a) meta l-kawza tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smigh u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ghandhom ikunu japplikaw ghaliha; u
(b) meta l-kawza tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din ghandha titqies bhala kawza dezerta.
(6) Bid-dezerzjoni ta' kawza fil-qorti ta' l-ewwel grad il-proceddiment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-dezerzjoni jispicca l-appell, u s-sentenza appellata ssir gudikat."

Illi l-Qorti rat illi il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2008 permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Mejju 2008.  Sitt ijiem wara li l-Qorti harget dan l-avviz ghas-smigh tal-kawza, l-atturi ippruvaw jinnotifikaw lill-konvenut, izda il-konvenut ma instabx fl-indirizz moghti Santa Lucija peress illi ma fetah hadd u il-post kien jidher mitluq.

Illi fl-10 ta' Ottubru 2008 l-atturi regghu ippruvaw jinnotifikaw lill-konvenut fl-indirizz Santa Lucija u dakinhar il-Marixall nizzel notament illi sab bini taht kostruzzjoni.

Illi sussegwentment l-atturi irnexxielhom jinnotifikaw lill-konvenut fil-11 ta' Mejju 2009 San Pawl il-Bahar.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono moghtija fil-5 ta' Gunju, 2003 fejn il-Qorti qalet illi d-dezerzjoni tapplika minhabba l-htiega li l-proceduri bil-miktub ta' kull kawza jmisshom jaghlqu sa zmien li l-ligi tghid li huwa perentorju. Fil-kaz ta' kawzi fl-ewwel grad, dan iz-zmien huwa ta' sitt (6) xhur u l-ligi trid li jibda ghaddej minn dakinhar li jitressaq l-Att tac-citazzjoni.

Illi l-Qorti kompliet tghid f'dik is-sentenza illi ghal zmien twil id-disposizzjonijiet tal-ligi ghar-rigward gew imfissra u applikati b'mod iebes u intransigenti ghall-ahhar u dan bil-hsieb li jigi mhares in-nuqqas ta' dewmien mhux mehtieg fil-kawzi. Min-naha l-ohra jidher li huwa daqstant xieraq u misthoqq li l-ligi tassikura li is-sanzjonijiet mahsuba fl-istitut tad-dezerzjoni ma jintefghux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti taghha fiz-zmien stabilit minkejja r-rieda taghha, jew jekk turi li trid tuza l-hila kollha taghha biex tilhaq lill-parti l-ohra, jew fejn il-parti l-ohra tirrinunzja ghall-eccezzjoni.

Illi l-Qorti kompliet tghid illi l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrativi tal-Qorti.

Illi l-Qorti qalet ukoll illi ghalhekk jidher illi l-waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-artikolu 963(1) tal-Kap 12 illi il-waqt rilevanti hu id-data

meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data.

Ikkunsidrat :

Illi ghalhekk skond din is-sentenza ikkwotata mill-konvenut iz-zmien imsemmi fl-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12 jibda ghaddej minn meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern il-Qorti harget l-avviz ta' appuntament tal-kawza odjerna fit-22 ta' Mejju 2008 u l-konvenut gie notifikat fil-11 ta' Mejju 2009.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll f'dan ir-rigward sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Giovanna Antida Casha pro et noe vs Anthony Casha fis-27 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti qalet illi kawza quddiem il-Qorti fl-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub fiha ma jkunux inghalqu fi zmien sitt xhur ma titqiesx dezerta malli jghaddu sitt xhur, izda titqieghed fuq il-lista tal-kawzi differiti sine die jew sospizi, u jkun wara li jghaddi aktar zmien mfisser fl-artikolu 964 u 965 li titqies dezerta".

Illi l-Qorti f'dik il-kawza kompliet tghid illi ghal zmien twil, id-dispozizzjonijiet tal-ligi gew imfissra u applikati b'mod iebes u intransigenti ghall-ahhar izda jidher li huwa daqstant xieraq u misthoqq li l-ligi tassikura li s-sanzjonijiet mahsuba fl-istitut tad-dezerzjoni ma jintefghux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti taghha fiz-zmien stabbilit minkejja r-rieda taghha, jew jekk turi li trid tuza' l-hila kollha taghha sabiex tilhaq lill-parti l-ohra u li huwa car illi l-principju illi ghandu janima lill-gudikant, huwa dejjem dak ritenut mill-Qrati taghna illi tali istitut ta' dezerzjoni huwa intenzjonat biss sabiex jippenalizza min ikun abbuza mill-proceduri quddiem il-Qorti, billi ma jimxix bil-ghaqal u jaghmel dak li ghandu jaghmel f'hin

ragonevoli, izda certament ma sarx sabiex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntamenti tal-kawza, u lanqas sabiex jippenalizza lill-attur jew appellant, minhabba l-htigijiet amministrattivi tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi f'dan il-kaz l-attur mexa bil-ghaqal u ipprova ghal darba, darbtejn, tlieta sabiex jinnotifika lill-konvenut illi ad insaputa tieghu kien biddel l-indirizz tar-residenza tieghu u ghalhekk tara illi l-attur ma naqasx illi iwettaq il-parti tieghu fiz-zmien stabbilit u illi dak illi gara kien minkejja ir-rieda ta' l-attur illi uza il-hila kollha tieghu sabiex jilhaq lil parti l-ohra.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tordna l-prosegwiment tal-kawza; Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------